MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 64/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Christian James Abela, ta’ 28 sena, bin Thaddeo u Imelda nee’ Tabone, imwieled Victoria, Ghawdex fis-17 ta’ Novembru 1980, u li joqghod fi Greta, Triq Michele Busuttil, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 5381(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra ’l hawn fuq imsemmi Christian James Abela li gie akkuzat ;

1) talli f’Marzu 2009, u x-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor,

ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ S. Trek Ltd. u Sergio Sciberras;

2) Talli matul is-sena 2008 u s-sena ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn efejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju, u dan ghad-detriment ta’ S. Trek Ltd., liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-10 ta’ Mejju 2010;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-imputat diga’ hallas nofs l-ammont dovut u qed jintrabat illi jhallas l-bilanc rimanenti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 306, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ liberta kondizzjonata;

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-hati jhallas lil Sergio Sciberras is-somma ta’ hdax-il elf ewro (€11,000) fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------